



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 30 ta' Ottubru 2018
(OR. en)

13765/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0369 (NLE)

ENV 708

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	30 ta' Ottubru 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2018) 717 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li jeħtieġ tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea waqt is-seba' Laqgħa tal-Partijiet tal-Ftehim dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar tal-Ilma Migratorji Afro-Ewroasjatiċi fir-rigward ta' ċerti emendi tal-Anness 3 tal-Ftehim

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 717 final.

Mehmuż: COM(2018) 717 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.10.2018
COM(2018) 717 final

2018/0369 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li jeħtieġ tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea waqt is-seba' Laqgħa tal-
Partijiet tal-Ftehim dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar tal-Ilma Migratorji Afro-
Ewroasjatiċi fir-rigward ta' ċerti emendi tal-Anness 3 tal-Ftehim**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li jeħtieġ tittieħed f'isem l-Unjoni waqt is-seba' Laqgħa tal-Partijiet tal-Ftehim dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar tal-Ilma Migratorji Afro-Ewroasjatiċi (AEWA) b'rabta mal-adozzjoni prevista ta' ċerti emendi tal-Anness 3 tagħha.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar tal-Ilma Migratorji Afro-Ewroasjatiċi

Il-Ftehim dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar tal-Ilma Migratorji Afro-Ewroasjatiċi ("il-Ftehim") għandu l-għan li jikkonserva l-għasafar tal-ilma migratorji u l-habitats tagħhom fl-Afrika, fl-Ewropa, fil-Lvant Nofsani, fl-Asja Ċentrali, fi Greenland u fl-Arċipelagu Kanadiż. Il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 1999.

Żviluppat skont il-qafas tal-Konvenzjoni dwar l-Ispeċijiet Migratorji (CMS) u amministrat mill-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent (UNEP), l-AEWA jiġbor flimkien il-pajjiżi u l-komunità internazzjonali usa' ta' konservazzjoni bi sforz biex tiġi stabbilita konservazzjoni u ġestjoni koordinata tal-għasafar tal-ilma migratorji matul il-medda migratorja kollha tagħhom.

L-Unjoni Ewropea ilha Parti Kontraenti ta' dan il-Ftehim mill-1 ta' Ottubru 2005¹. Bħalissa hemm 77 Parti Kontraenti, 41 mill-Ewrasja (inkluża l-UE) u 36 mill-Afrika.

25 Stat Membru huma Partijiet tal-Ftehim².

Id-Direttiva 2009/147/KE dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (id-Direttiva dwar l-għasafar³) timplimenta l-impenji stipulati fil-Ftehim fid-dritt tal-Unjoni. Id-Direttiva dwar l-għasafar titratta l-konservazzjoni tal-ispeċijiet kollha tal-għasafar li jinsabu fin-natura fi stat selvaġġ fit-territorju Ewropew tal-Istati Membri li għalihom japplika t-Trattat. Tkopri l-protezzjoni, l-amministrazzjoni u l-kontroll ta' dawn l-ispeċijiet u tistabbilixxi regoli għall-isfruttar tagħhom.

2.2. Il-Laqgħa tal-Partijiet

Il-Laqgħa tal-Partijiet (MOP) hija l-korp deċiżjonali prinċipali għal dan il-Ftehim. Hija għandha s-setgħat li teżamina mill-ġdid l-Annessi tal-Ftehim u tiltaqa' kull tliet snin. Kull Parti għandha vot wieħed, iżda l-organizzazzjonijiet tal-integrazzjoni ekonomika reġjonali, bħall-Unjoni Ewropea, jeżerċitaw id-dritt tagħhom tal-vot b'għadd ta' voti li huwa daqs l-għadd tal-Istati Membri tagħhom li huma Partijiet tal-Ftehim. Kwalunkwe emenda tal-Anness għandha tiġi adottata b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-Partijiet preżenti fil-laqgħa.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/871/KE tat-18 ta' Lulju 2005 dwar il-konklużjoni, mill-Komunità Ewropea, tal-Ftehim dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar tal-Ilma Migratorji Afro-Ewroasjatiċi. ĠU L 345, 8.12.2006, p. 24.

² Tliet Stati Membri mhumiex Partijiet tal-Ftehim: L-Awstrija, Malta u l-Polonja.

³ ĠU L 20, 26.01.2010, p. 7. - <http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2010:020:0007:0025:MT:PDF>.

Is-seba' Laqgħa tal-Partijiet tal-Ftehim se ssir mill-4 sat-8 ta' Diċembru 2018, fl-Afrika t'Isfel.

2.3. L-att previst tal-Laqgħa tal-Partijiet

Mill-4 sat-8 ta' Diċembru 2018, waqt is-seba' laqgħa tagħha, il-Laqgħa tal-Partijiet jeħtieġ tadotta r-Riżoluzzjoni 7.3⁴ dwar l-emendi tal-Annessi tal-Ftehim skont il-paragrafu 5 tal-Artikolu X tal-Ftehim ("l-att previst").

L-għan tal-att previst huwa li jiġu emendati l-Anness 2 u l-Anness 3 (Pjan ta' Azzjoni) tal-Ftehim. L-Anness 2 fih lista ta' għasafar tal-ilma migratorji li għalihom japplika l-Ftehim. L-Anness 3 jispeċifika l-azzjonijiet li l-Partijiet għandhom iwettqu fir-rigward tal-ispeċijiet ta' prijorità. L-ispeċijiet ta' prijorità huma elenkati fit-Tabella 1 tal-Anness 3 skont ċerti kriterji stipulati fit-Tabella 1.

L-Artikolu II tal-Ftehim jipprevedi: *"Il-Partijiet għandhom jieħdu miżuri koordinati sabiex iżommu l-ispeċi ta' tjur u għasafar tal-ilma migratorji fi stat ta' konservazzjoni favorevoli jew sabiex jerġgħu iġibuhom f'dak l-istat. Għal dan il-għan, għandhom japplikaw fil-limiti tal-ġurisdizzjoni nazzjonali tagħhom il-miżuri stipulati fl-Artikolu III, flimkien ma' l-azzjonijiet speċifiċi determinati fil-Pjan ta' Azzjoni provdut fl-Artikolu IV, ta' dan il-Ftehim"*.

L-att previst se jidħol fis-seħħ għall-Partijiet kollha u se jkun vinkolanti fid-90 jum wara data tal-adozzjoni tiegħu mill-Laqgħa tal-Partijiet, għajr għall-Partijiet li daħħlu riżerva. Tul il-perjodu ta' 90 jum, kwalunkwe Parti tista' daħħal riżerva fir-rigward ta' emenda ta' Anness, permezz ta' notifika bil-miktub lid-Depożitarju.

3. POŻIZZJONI LI JEĦTIEĠ TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Il-pożizzjoni proposta li jeħtieġ tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea hija li tiġi appoġġata l-adozzjoni tal-att previst waqt is-seba' Laqgħa tal-Partijiet.

L-emendi proposti fl-Anness 2 ġew sottomessi mill-Unjoni Ewropea. L-emendi proposti fl-Anness 3 ġew proposti mill-Unjoni Ewropea u l-Uganda.

L-emendi proposti tal-Annessi 2 u 3 mill-Unjoni Ewropea ġew sottomessi wkoll fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 10326/18⁵.

L-emenda proposta tal-Anness 2 tal-Unjoni Ewropea tikkonsisti fiż-żieda tal-Margun tat-Toppu (*Phalacrocorax aristotelis*) fil-lista tal-ispeċijiet tal-għasafar tal-ilma li għalihom japplika l-Ftehim.

L-emendi proposti mill-Unjoni Ewropea fit-Tabella 1 tal-Anness 3 jikkonsistu fiċ-ċaqliq tal-popolazzjonijiet tal-Begazzina Ħamra (*Calidris ferruginea*), tal-Purċinell tal-Baħar (*Fratercula arctica*) u tal-Mus tal-Baħar (*Alca torda*) għall-Kolonna A tat-Tabella 1, fil-kategoriji 4, 1b u 4 rispettivament, u fl-ejenkar tal-popolazzjoni mhux tal-Unjoni Ewropea (il-Baħar ta' Barents) tal-*Phalacrocorax aristotelis aristotelis* u tal-popolazzjoni tal-Unjoni Ewropea (il-Lvant tal-Mediterran – il-Kroazja, il-Baħar Adrijatiku) tal-*Phalacrocorax aristotelis desmarestii* fil-Kolonna A tat-Tabella 1 tal-Anness 3, fil-kategoriji 2 u 1c rispettivament.

Dawn l-emendi proposti se jiġu approvati f'isem l-Unjoni Ewropea mill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 3(1) u 3(3) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/871/KE tat-18 ta' Lulju

⁴ <https://www.unep-aewa.org/en/document/adoption-amendments-aewa-annexes-3>

⁵ <http://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-10326-2018-INIT/mt/pdf> (iżda ma għadhiex taħdem)

2005 dwar il-konklużjoni, mill-Komunità Ewropea, tal-Ftehim dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar tal-Ilma Migratorji Afro-Ewroasjatiċi.

L-emendi proposti fit-Tabella 1 tal-Anness 3 mill-Uganda jikkonsistu fit-tneħħija tal-kelma “*sinifikanti*” mill-kriterji A3(c) u B2(c), li joħloq il-kriterji ġodda A3(e) u B2(e) għal “*tnaqqis rapidu għal żmien qasir*”, u ċ-ċaqliq ta’ diversi speċijiet minn kolonna jew kategorija waħda għal oħra kif stipulat fl-abbozz tar-Riżoluzzjoni 7.3.

Dawk l-emendi proposti mill-Uganda, jenħtieġ li jiġu approvati f’isem l-Unjoni Ewropea peress li jirriflettu l-evoluzzjoni tal-istatus ta’ konservazzjoni tal-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet tal-għasafar ikkonċernati u se jikkontribwixxu għal protezzjoni akbar tal-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet li qed jonqsu. B’mod partikolari,

- (a) L-emendi proposti tal-Anness 3 tal-Ftehim sottomessi mill-Uganda u stipulati fl-abbozz tar-Riżoluzzjoni 7.3 li huma konformi mal-leġiżlazzjoni tal-UE rilevanti (id-Direttiva dwar l-għasafar) għandhom jiġu approvati f’isem l-Unjoni Ewropea mill-Kummissjoni, f’konformità mal-Artikolu 3(1) u 3(3) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/871/KE tat-18 ta’ Lulju 2005 dwar il-konklużjoni, mill-Komunità Ewropea, tal-Ftehim dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar tal-Ilma Migratorji Afro-Ewroasjatiċi.
- (b) L-emendi proposti tal-Anness 3 tal-Ftehim sottomessi mill-Uganda u stipulati fl-abbozz tar-Riżoluzzjoni 7.3 jikkonċernaw id-disa’ speċijiet li ġejjin: l-Edredun - *Somateria mollissima*, is-Serra - *Mergus serrator*, il-Brajmla - *Aythya ferina*, il-Gallina tal-baħar - *Haematopus ostralegus*, il-Venewwa - *Vanellus vanellus*, il-Girwiel Denbu bl-Istrixxi - *Limosa lapponica*, il-Girwiel Prim - *Limosa limosa*, il-Girwiel Saqajh Qosra/Il-pluverott iż-żgħir - *Calidris canutus* u iċ-Ċuvett - *Tringa erythropus*, li mhum iex konformi mal-leġiżlazzjoni tal-UE rilevanti (id-Direttiva dwar l-għasafar), għandhom jiġu approvati f’isem l-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 218(9) TFUE.

Madankollu, f’konformità mal-Artikolu 3(4) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/871/KE tat-18 ta’ Lulju 2005 dwar il-konklużjoni, mill-Komunità Ewropea, tal-Ftehim dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar tal-Ilma Migratorji Afro-Ewroasjatiċi, il-Kummissjoni għandha ddaħħal riżerva fir-rigward tal-emendi proposti li jikkonċernaw id-disa’ speċijiet ta’ hawn fuq, bħalma għamlet għall-emendi b’effetti smili fil-Laqgħa tal-Partijiet preċedenti, peress li dawn jeħtieġu emenda tad-Direttiva dwar l-għasafar li mhix possibbli fi żmien 90 jum mid-data tal-adozzjoni tagħhom mil-Laqgħa tal-Partijiet.

Fir-riżerva tal-Unjoni Ewropea jeħtieġ li jiġu distinti żewġ gruppi ta’ speċijiet.

Għall-popolazzjonijiet ta’ erba’ speċijiet – is-Serra, il-Brajmla, il-Girwiel Prim u iċ-Ċuvett, li huma proposti biex jiġu elenkati fil-Kategoriji 1b (il-Brajmla) jew 3c (it-tliet speċijiet l-oħra) tal-Kolonna A, mhux se titħalla iktar il-kaċċa skont il-Ftehim għalkemm huma speċijiet ikkaċċjati skont id-Direttiva dwar l-għasafar peress li huma elenkati fl-Anness IIb tagħha. Għaldaqstant, f’konformità mal-Artikolu 3(4) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/871/KE tat-18 ta’ Lulju 2005, il-Kummissjoni għandha ddaħħal riżerva fir-rigward ta’ dawk l-emendi peress li mhuw iex possibbli li tiġi emendata d-Direttiva dwar l-għasafar fi żmien 90 jum mid-data tal-adozzjoni tagħhom mil-Laqgħa tal-Partijiet.

Il-popolazzjonijiet tal-ħames speċijiet l-oħra - l-Edredun, il-Gallina tal-Baħar, il-Venewwa, il-Girwiel Denbu bl-Istrixxi u l-Girwiel Saqajh Qosra - huma proposti li jiġu elenkati fil-Kategorija 4 tal-Kolonna A tal-Anness 3 tal-Ftehim. Skont l-Anness 3, l-ispeċijiet elenkati f’dik il-Kategorija jistgħu jiġu kkaċċjati biss fil-qafas ta’ pjan ta’ azzjoni internazzjonali tal-ispeċijiet, li permezz tiegħu l-Partijiet se jagħmlu hilitom biex jimplimentaw il-prinċipji ta’ ġestjoni adattiva tal-ħsad. Għalhekk, ir-riżerva tal-Unjoni

Ewropea fir-rigward tagħhom tista' titneħħa ladarba jidħol fis-seħħ il-mekkaniżmu tal-ġestjoni adattiva tal-ħsad skont il-korp internazzjonali, b'mod konsistenti mar-rekwiżiti tal-Artikolu 7 tad-Direttiva dwar l-ġhasafar.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprovdi għal deċiżjonijiet li jistabbilixxu “*il-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f’isem l-Unjoni f’sede stabbilita bi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.*”

Il-kunċett ta’ “*atti li jkollhom effetti legali*” jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali skont ir-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregola l-korp ikkonċernat. Dan jinkludi wkoll l-istrumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li “*jistgħu jinfluwenzaw b’mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni*⁶.”

4.1.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

Il-Laqgħa tal-Partijiet hija korp imwaqqaf bi Ftehim, prinċipalment il-Ftehim dwar il-Konservazzjoni tal-Ġhasafar tal-Ilma Migratorji Afro-Ewroasjatiċi.

L-att li l-Laqgħa tal-Partijiet qiegħda tintalab tadotta jikkostitwixxi att li jkollu effetti legali. L-att previst se jkun vinkolanti skont id-dritt internazzjonali u għandu l-kapaċità li jinfluwenza b’mod deċiżiv il-kontenut tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea, prinċipalment id-Direttiva dwar l-ġhasafar. Dan minħabba li xi azzjonijiet, b’mod partikolari fir-rigward tal-kaċċa, li l-Partijiet għandhom iwettqu b’rabta mal-ispeċijiet ta’ prijetà elenkati fit-Tabella 1 tal-Anness 3 tal-Ftehim mhumieq dejjem kompatibbli ma’ dak li d-Direttiva dwar l-ġhasafar tipprevedi għall-istess speċijiet. Prinċipalment, jekk l-ispeċijiet elenkati fl-Anness II tad-Direttiva dwar l-ġhasafar ma jkunux jistgħu jiġu ikkonċertati skont l-AEWA, tkun meħtieġa emenda tad-Direttiva dwar l-ġhasafar. Skont l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/871/KE tat-18 ta’ Lulju 2005 dwar il-konklużjoni, mill-Komunità Ewropea, tal-Ftehim dwar il-Konservazzjoni tal-Ġhasafar tal-Ilma Migratorji Afro-Ewroasjatiċi, fir-rigward tal-kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza Komunitarja, il-Kummissjoni hija awtorizzata li f’isem il-Komunità tapprova l-emendi tal-Annessi tal-Ftehim adottati skont l-Artikolu X(5) tal-Ftehim. Madankollu, din l-awtorizzazzjoni hija limitata għal daww l-emendi li huma konsistenti mal-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar il-konservazzjoni tal-ġhasafar selvaġġi u tal-ħabitat naturali tagħhom, u li ma jinvolvu ebda modifika tagħha.

Peress li l-emendi proposti mill-Uganda tat-Tabella 1 tal-Anness 3 tal-Ftehim li jikkonċernaw id-disa’ speċijiet li ġejjin: l-Edredun - *Somateria mollissima*, is-Serra - *Mergus serrator*, il-Brajmla - *Aythya ferina*, il-Gallina tal-baħar - *Haematopus ostralegus*, il-Venewwa - *Vanellus vanellus*, il-Girwiel Denbu bl-Istrixxi - *Limosa lapponica*, il-Girwiel Prim - *Limosa limosa*, il-Girwiel Saqajh Qosra/Il-pluverott iż-żgħir - *Calidris canutus* u iċ-Ċuvett - *Tringa erythropus*, ikunu jeħtieġu emenda tad-Direttiva dwar l-ġhasafar, hemm bżonn ta’ Deċiżjoni tal-Kunsill li

⁶ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta’ Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

tistabbilixxi l-pożizzjoni li jeħtieġ tittieħed f' dak ir-rigward f' isem l-Unjoni Ewropea fis-seba' Laqgħa tal-Partijiet tal-Ftehim⁷.

L-att previst ma jissupplimentax u ma jemendax il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali tad-deċiżjonijiet proposti hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva biex tittieħed deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-oġettiv u mill-kontenut tal-att previst li dwarhom tittieħed pożizzjoni f' isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawn l-għanijiet jew wieħed minn dawn il-komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-Deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tissejjes fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik li jeżiġi l-għan jew il-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

L-oġettivi ewlieni u l-kontenut tal-att previst huma relatati mal-ambjent.

Għalhekk, il-bażi ġuridika sostantiva għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 192(1) tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Jenħtieġ li l-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 192(1) tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

5. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

Peress li l-att previst tal-Ftehim dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar tal-Ilma Migratorji Afro-Ewroasjatiċi se jemenda l-Annessi 2 u 3, jixraq li wara l-adozzjoni tiegħu jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

⁷

Għall-emendi li ma jkunux jeħtieġu emenda tad-Direttiva dwar l-għasafar, il-Kummissjoni tista' ma tapprovahomx skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/871/KE tat-18 ta' Lulju 2005.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li jeħtieġ tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea waqt is-seba' Laqgħa tal-Partijiet tal-Ftehim dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar tal-Ilma Migratorji Afro-Ewroasjatiċi fir-rigward ta' ċerti emendi tal-Anness 3 tal-Ftehim

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar tal-Ilma Migratorji Afro-Ewroasjatiċi ("il-Ftehim") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 1999 u ġie approvat f'isem il-Komunità Ewropea bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/871/KE⁸
- (2) Skont il-paragrafu 5 tal-Artikolu X tal-Ftehim, il-Laqgħa tal-Partijiet tista' tadotta emendi tal-Annessi tal-Ftehim.
- (3) Is-seba' Laqgħa tal-Partijiet tal-Ftehim mill-4 sat-8 ta' Diċembru 2018, mistennija tadotta Riżoluzzjoni dwar l-adozzjoni tal-emendi tal-Annessi 2 u 3 tal-Ftehim.
- (4) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li jeħtieġ tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Laqgħa tal-Partijiet, peress li r-Riżoluzzjoni se tkun vinkolanti fl-Unjoni u bil-kapaċità li tinfluwenza b'mod deċiżiv il-kontenut tad-dritt tal-Unjoni, prinċipalment id-Direttiva dwar l-għasafar.
- (5) L-emendi proposti tal-Anness 3 tal-Ftehim sottomessi mill-Uganda u stipulati fl-abbozz tar-Riżoluzzjoni 7.3 jikkonċernaw id-disa' speċijiet li ġejjin: l-Edredun - *Somateria mollissima*, is-Serra - *Mergus serrator*, il-Brajmla - *Aythya ferina*, il-Gallina tal-baħar - *Haematopus ostralegus*, il-Venewwa - *Vanellus vanellus*, il-Girwiel Denbu bl-Istrixxi - *Limosa lapponica*, il-Girwiel Prim - *Limosa limosa*, il-Girwiel Saqajh Qosra/Il-pluverott iż-żgħir - *Calidris canutus* u iċ-Ċuvett - *Tringa erythropus*, li mhum iex konformi mal-leġiżlazzjoni tal-UE rilevanti (id-Direttiva dwar l-għasafar), jenħtieġ li jiġu approvati f'isem l-Unjoni Ewropea peress li jikkontribwixxu għall-kisba ta' protezzjoni akbar ta' dawn il-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet li qed jonqsu. Madankollu, f'konformità mal-Artikolu 3(4) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/871/KE tat-18 ta' Lulju 2005 dwar il-konklużjoni, mill-Komunità Ewropea, tal-Ftehim dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar tal-Ilma Migratorji Afro-Ewroasjatiċi, il-Kummissjoni għandha ddaħħal riżerva fir-rigward tal-emendi proposti li jikkonċernaw id-disa' speċijiet ta' hawn fuq, peress li dawn jeħtieġu emenda tad-Direttiva dwar l-għasafar li mhix possibbli fi żmien 90 jum mid-data tal-adozzjoni tagħhom mil-Laqgħa tal-Partijiet.

⁸ ĠU L345, 8.12.2006, p. 24.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li jeħtieġ tittieħed f'isem l-Unjoni fis-seba' Laqgħa tal-Partijiet tal-Ftehim għandha tkun li ġejja:

L-emendi tal-Anness 3 tal-Ftehim sottomessi mill-Uganda u stipulati fl-abbozz tar-Riżoluzzjoni 7.3 tas-seba' Laqgħa tal-Partijiet tal-Ftehim li jikkonċernaw id-disa' speċijiet li ġejjin: l-Edredun - *Somateria mollissima*, is-Serra - *Mergus serrator*, il-Brajmla - *Aythya ferina*, il-Gallina tal-baħar - *Haematopus ostralegus*, il-Venewwa - *Vanellus vanellus*, il-Girwiel Denbu bl-Istrixxi - *Limosa lapponica*, il-Girwiel Prim - *Limosa limosa*, il-Girwiel Saqajh Qosra/Il-pluverott iż-żgħir - *Calidris canutus* u iċ-Ċuvett - *Tringa erythropus*, se jkunu approvati f'isem l-Unjoni Ewropea fis-seba' Laqgħa tal-Partijiet tal-Ftehim.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*